MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Numru. 51/2009

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**VS**

**Jean Claude Cutajar ta' 17-il sena, bin Alexander u Mariella nee' Bajjada, imwieled Zabbar nhar it-02 ta' Lulju 1992, residenti fil-fond numru 70, St.Anne Street, M'Scala u detentur tal-karta ta'l-identita bin-numru 322492(M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Jean Claude Cutajar akkuzat talli nhar it-02 ta' Awwissu 2009 gewwa l-Otters Waterpolo Pitch, Triq Santa Marija, Marsalforn,

Zebbug (Ghawdex) ghal habta ta’ bejn is-siegha u is-siegha ta’ kwart (1300-1315hrs) ta’ wara nofsinhar.

a. Minghajr il-hiseb li joqtol jew li iqieghed il-hajja ta’ Karoly Svazai f’periklu car, ikkagunalu  griehi ta’ natura gravi.

b. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra Karoly Svazai sabiex jingurjah, idejjaq jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor, u dana bi ksur ta’l-artikolu 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

c. ukoll talli fl-istess jum lok, hin u cirksotanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’ghajjat u bil-glied u dana bi ksur ta’l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dana l-procediment.

Rat in-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tat-18 ta’ Novembru 2009.

Semghet lill-imputat jiddikjara illi huwa ma ghandux oggezzjoni illi l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-incident mertu tal-kawza sehh waqt partita tal-waterpolo gewwa Marsalform, Ghawdex f’partita bejn it-tim ta’ Marsascala u l-Otters ta’ Marsalforn. L-imputat kien qieghed jilghab mat-tim ta’ Marsascala filwaqt illi l-parti leza Karoly Szavai kien player barrani qed jilghab fit-tim tal-Otters. Kif inhu ben risaput il-loghba tal-waterpolo hija loghba fizika hafna fejn il-players ma jistghux jilbsu xi *protective gear* u dana ghal raguni ovvja peress illi qeghdin il-hin kollu fl-ilma u jridu jiccaqalqu bil-liberta’.

Minhabba f'din ir-raguni huwa frekwenti illi l-players isofru xi forma ta' griehi u dana ghaliex jekk jintlaqtu anke b'minkeb dawn ma ghandhom protezzjoni ta' xejn. Illi fost ir-regoli tal-loghba, bhal kull loghba ohra, kull player li jikkometti xi forma ta' *foul play* huwa suggett ghal penalitajiet tal-loghba. Ghalhekk kull loghba tkun qed tigi mharsa taht l-iskrutinju tar-referee jew referees. Kull *foul* kommess ghalhekk jigi punit mir-referee u dana skond ir-regoli tal-loghba bhal kif jigri fil-loghba tal-futbol.

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta minghajr l-icken dubbju illi f'dina l-loghba movimentata li kien hemm bejn it-tim taz-zaghzagh ta' Marsascala u t-tim Ghawdxi tal-Otters inqala' incident bejn zewg players u cioe' l-player numru 2 u l-player iehor certu Steve Dimech, li *del resto* qatt ma ingiebu jixhdu f'dina l-kawza. Dina l-azzjoni ma gietx ikkontrollata minnufih mir-referees presenti u allura spiccaw involvew irwiehom players ohra fosthom Szavai u imbaghad l-imputat. Dawn iz-zewg players ikkomettew fouls huma wkoll min-naha taghhom fejn jidher illi l-barrani ta xi daqqa ta' sieq lill-imputat u xi daqqiet ohra fuq wiccu u l-imputat irritalja ghal dan kollu billi beda jxejjer id-daqqiet ukoll. Hawnhekk inqalghet rissa shiha fejn finalment ghalhekk spiccaw kemm l-imputat kif ukoll il-player barrani sofrew xi griehi. Il-parti leza sfortunatament sofra xi ksur f'idejh u ghalhekk gew istitwiti dawn il-proceduri.

Illi l-imputat qed jigi akkuzat b'mod ewlieni illi volontarjament ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-parti leza Karoly Szavai. Illi mal-ewwel dina l-Qorti tosserva illi f'dina l-"glieda" kien hemm hafna nies involuti. Di piu' hafna mill-azzjonijiet li saru ma setghux ikunu vizibbli billi n-nies involuti kienu fl-ilma. Illi ghalkemm ingiebu diversi nies li kienu presenti dakinhar tal-incident sabiex jixhdu madanakollu hadd minnhom ma jaghti verzjoni wahda ta' dak li sehh. Ibda biex, il-parti leza ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri minhabba proceduri penali li kienu ser jigu istitwiti kontra tieghu in konnessjoni mal-griehi li sofra l-imputat. Jidher ukoll mill-verbal tas-seduta tal-04 ta' Awwissu 2009 illi z-zewg players hafru lil xulxin ghal dana

l-incident kif kellu jsir u dana f'sens ta' *good sportsmanship*.

Illi l-imputat min-naha tieghu kemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija[1] kif ukoll meta jixhed quddiem il-Qorti[2] jistqarr illi kien il-barrani li aggredieh u hu spicca irritalja pero jichad illi seta ikkagunalu xi griehi ta' natura gravi f'idejh. Isostni illi kien hu li sofra diversi griehi u anke esebixxa ritratti u certifikati medici f'dana r-rigward[3]. Omm l-imputat Mariella Cutajar tikkontendi illi rat xi players jillittikaw u mbaghad rat lil binha izomm wiccu u jghid lil xi player il-kliem "don't do it again". Imbaghad tghid li nqalghet rissa u diversi nies fosthom hi stess qabzu l-bahar sabiex jikkalmaw is-sitwazzjoni.[4] In-Nutar Enzo Dimech jikkonferma illi nqala incident bejn ibnu li kien qed jilghab mat-tim tal-Otters, Steve Dimech u l-player numru 2 tal-Marsascala. Intervjena l-barrani u cioe' l-parti leza u jghid illi hawn intervjena l-imputat ukoll izda ghalkemm l-imputat ipprova jaghti xi daqqiet lill-barrani, il-barrani laqa' dawn id-daqqiet.[5] Ix-xhud Balazs Andras Szabo li wkoll huwa player mal-Otters ukoll ighid illi ra lill-imputat jipprova jaghti xi daqqiet lil siehbu izda dana iddefenda ruhu b'idejh it-tnejn. Wara dana jghid illi nqalghet glieda shiha u kien hemm hafna kommozzjoni.[6]

Ir-referee Peter Balzan ighid li osserva z-zewg players jiggieldu u ra lill-imputat jimbotta lil-player barrani. Ghalhekk saffar is-suffara sabiex tieqaf il-loghba, izda jghid illi kien hemm hafna raxx tal-ilma ghax qamet kommozzjoni shiha ghaliex imbaghad indahlu l-players taz-zewg teams. Li huwa kemmxejn stramb huwa kif dana r-referee ma jsemmi xejn dwar il-glieda inizjali bejn Steve Dimech u l-player numru 2 tat-tim ta' Marsascala ghalkemm jidher illi kien minn dana l-incident li beda l-argument kollu![7] Ir-referee l-iehor Miro Caruana ma jitfax wisq dawl fuq l-incident u jghid illi kien hemm distanza

---

[1] Ara stqarrija Dokument JM4 a fol.12 et. seq
[2] Ara xhieda ta'l-imputat a fol. 95 sa 97
[3] Ara ritratti a ol.19 u 20
[4] Ara xhieda ta' Mariella Cutajar a ol.15 et seq.
[5] Ara xhieda tan-Nutar Enzo Dimech a fol. 21
[6] Xhieda a fol.29 et. Seq.
[7] Xhieda a fol.37 et. Seq.

konsiderevoli mill-post fejn kien qieghed hu ghall-post fejn sehhet il-glieda u kull ma ra kienet kommozzjoni kbira u xi players imqabbdin f'xulxin.[8]

Anthony Farrugia, il-cowc tat-tim ta' Marsacala jghid li osserva xi players jiggieldu fejn imbaghad intervjenew l-imputat u l-parti leza, izda jikkontendi illi ma tantx kien qed isewgi l-loghba ghax kien mitluf f'diskursata mal-Ministru Austin Gatt li wkoll kien qieghed jara l-partita.[9] It-tlett xhieda l-ohra Aaron Busuttil u Lorry Debono s-segretarju u l-President tat-tim ta' Marsascala rispettivament u Joseph Xerri li f'dak iz-zmien kien fuq il-kumitat tat-tim tal-Otters ighidu li ma setghux jidentifikaw in-nies li kienu involuti fit-taqtiegha.

Ghaldaqstant dina l-Qorti hija rinfaccjata minn xhieda konfliggenti ghall-ahhar u ghalkemm l-imputat jammetti illi huwa kien involut f'dina t-taqtiegha, izda jidher illi kien hemm nies ohra li ndahlu fil-glieda u ghalhekk huwa diffícli sabiex il-Qorti tistabbilixxi lil hinn  minn kull dubbju dettat mir-raguni illi l-griehi li sofra l-parti leza f'idejh gew ikkagjonati proprju mill-imputat u mhux minn xi hadd iehor jew minn xi haga ohra. L-ebda wiehed mix-xhieda ma jghidu illi raw lill-imputat iwegga' lill-parti leza ghajr ghall-fatt illi rawh qed jipprova jxejjirlu xi daqqiet u l-iehor qed jilqa' b'idejh. Ghaldaqstant dana d-dubbju ma jistax hlief jimmilita favur l-imputat.

Illi fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju, l-Avukat Generali jindika wkoll illi tista' tinstab htija taht l-artikolu 338(dd) u cioe' l-kontravenzjoni dwar il-ksur tal-bon ordni u paci pubbliku. Illi ma hemmx dubbju illi l-imputat gie involut fi glieda f'post pubbliku. Tant inqalghet kommozzjoni illi sahansitra anke xi spettaturi fosthom omm l-imputat stess qabzu l-bahar sabiex jikkontrollaw is-sitwazzjoni. Ghalhekk il-Qorti ser issib htija dwar dana ir-reat.

---

[8] Ix-xhieda ta' Miro Caruana tinsab a fol.50
[9] Ara xhieda ta' Anthony Farrugai a fol.39

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel akkuza minhabba kunflitt fil-provi, tiddikjara il-procediment ezawrit ghar-rigward tat-tieni akkuza, issibu hati tat-tielet akkuza u tikkundannah ammenda ta’ €25.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------